MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 29/2006

**L-Avukat Dottor Gianfranco Gauci bhala mandatarju ta' l-imsiefer Onorevoli Dottor John Attard Montalto [ID 116853M]**

**Vs**

**Reverendu Emanuel sive Noel Grima [ID 1102947M] personalment bhala awtur kif ukoll fil-kwalita' tieghu ta' editur ta' The Malta Independent on Sunday, Louiselle Vassallo [ID 0022572M] fil-kwalita' taghha bhala editur ta' Net Television u Karl Stagno Navarra [ID 0364770M] flimkien ma' Media.Link Communications Company Limited [C-6170] bhala editur u proprjetarja rispettivament responsabbli ghall-*website* maltarightnow.com**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fis-26 ta’ Jannar, 2006 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna l-konvenuti prevja dikjarazzjoni illi l-konvenuti rrendew ruhhom responsabbli ta’ malafama u libell fil-konfront ta’ l-attur meta nhar il-Hadd 22 ta’ Jannar 2006 kienu responsabbli ghax-xandir ta’ allegazzjoni illi ma kienx minnu li Dr Attard Montalto kien mar il-Messiku fuq delegazzjoni tal-Parlament Ewropew, izda li kien mar ghall-btala minn fondi tal-Parlament li jintuzaw meta membru parlamentari jkun b’mod individwali rcieva stedina minn xi organizazzjoni jew stedina personali; liema xandira fil-kaz ta’ Net Television u maltarightnow.com kienet tinkludi wkoll allegazzjoni malafamanti u libelluza fis-sens illi l-attur ”kien fuq cruise … li thallas mill-flus tal-Parlamant Ewropew”; stante li l-istess allegazzjonijiet huma malafamanti, libelluzi u tirraprezenta fatti nveritieri u ghalhekk intizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni ta’ l-istess attur,kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ l-Artikolu 28 ta’ l-Att dwar ta’ l-Istampa (Kap. 248);

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali inkluzi tal-protest gudizzjarju tat-23 ta’ Jannar 2006, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Louiselle Vassallo [ID 22572 M], Karl Stagno Navarra [ID 364770M] u Media.Link Communications Co. Ltd. (C 6170) fejn eccepew:

1. Preliminarjament, in-nullita’ ta’ l-avviz stante li gew citati numru ta’ konvenuti dwar pubblikazzjonijiet differenti;
2. Preliminarjament ukoll illi s-socjeta’ Media.Link Communications Co. Ltd ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi mhux wahda mill-persuni citabbli taht il-Kap. 248;
3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-pubblikazzjonijiet in kwistjoni jammontaw ghal ‘fair comment’ dwar fatti sostanzjalment korretti.

Rat ir-risposta tal-konvenut Rev. Emanuel sive Noel Grima [ID 1102947M] fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari dan ir-rikors huwa null stante li ma tistax issir kawza ta' libell kontra erba' persuni differenti fuq stqarrijiet differenti li hargu fuq media differenti u cioe' fuq artikolu ppubblikat f'gazzetta, fuq xandiriet televizivi u kif ukoll fuq stqarrijiet li hargu fuq website;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u subbordinament, l-artikolu *de quo* mhuwiex libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur billi fl-artikolu dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku u kritika accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Ligijiet ta' l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;
3. Illi minn imkien mill-artikolu ma johrog l-*animus injuriandi* rikjest mill-Ligi fil-konfront ta' l-attur personalment;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn qeghdin jippremettu n-nullita' ta' l-avviz stante illi gew iccitati numru ta' konvenuti dwar pubblikazzjonijiet differenti. Fis-sottomissjonijiet taghhom l-avukati tal-konvenuti qalu illi l-ebda wiehed mill-konvenuti ma ghandu l-istess interess jew jista' jaghmel id-difiza ta' xulxin. Il-provi huma separati u riedu jittiehdu decizjonijiet separati b'interessi partikolari. Ghalhekk, ma kienx sew li kollha jigu citati f'kawza wahda.

Minn naha l-ohra l-attur qieghed jissotometti li din il-kawza tirreferi ghall-istess incident fejn gie rapurtat b'mod differenti mill-konvenuti. Ghalhekk, il-provi huma l-istess ghad illi jista' jkun li l-konvenuti jkollhom responsabbiltajiet differenti.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tibda bil-principju illi huwa fl-interess tal-gustizzja illi tillimita l-litigazzjoni, dana fl-isfond tat-taghlim tad-dritt Ruman, “interest republicae ut sit finis lititium.” Huwa fl-interess ta’ l-istat li l-litigazzjoni tkun limitata. Hawnhekk, si tratta ta’ ncident wiehed li jista‘ jkollu konsegwenzi differenti fuq il-konvenuti. Dan pero’ ma jfissirx li l-kawza ma tistax tinstema’ f’istanza wahda.

Il-Qorti ghandha l-konfort ta’ decizjoni moghtija mill-Prima’Awla fit-8 ta’ Novembru, 1994 fil-kawza Constantino Abela vs Anthony Muscat et noe fejn il-Qorti kienet ittrattat il-kwistjoni ta’ kawza wahda kontri diversi konvenuti u kienet qalet li f’kazijiet simili l-Qorti adita mill-attur kellha gurisdizzjoni fuq il-konvenuti kollha u l-ebda konvenut ma seta’ jqajjem b’success in-nuqqas ta’ kompetenza fuq dan il-kap. Kienet irrelevanti jekk il-maggoranza ta’ konvenuti kienux fil-kummerc jew le.

F’din il-kawza l-Qorti m’ghandhiex din il-kumplikazzjoni. Il-konvenuti huma kollha fil-qasam tal-media u kollha ghandhom jirrispondu ghat-talba maghmula mill-attur safejn tirrigwarda kull wiehed u wahda minnhom.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-attur ghamel sew meta ccita lill-konvenuti kollha f’kawza wahda u konsegwentement tichad l-ewwel eccezzjoni kif imqajjma mill-konvenuti Louiselle Vassallo, Karl Stagno Navarra, Media.Link Communications Co. Ltd u Emanuel sive Noel Grima.

Bl-ispejjez ta’ dan il-gudikat kontra l-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------